MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Talba Numru. 105/2009

**Go Plc (C 22334)**

**Vs**

**Meledine Saliba (ID 109483 M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' elf, mitejn u sebgha u sittin ewro u tmienja u hamsin ewro centezmi (€1267.58) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 2146 7665 skond kif jirrizulta mid-dokumenti mmarkati 'A' u 'B' annessi mat-talba.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar pagament u cioe' mill-01 t' April, 2004, kontra l-konvenuta li minn issa hija ingnta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta ta` llum.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tas-7 ta' April, 2009 mill-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young u l-fatt illi l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra illi l-konvenuta naqset tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------